# 1

Josef sabbat il-bieb ta' barra minflok qal "tlaqt", dendel il-basket fuq spalla waħda u lebbet biex imur jistenna l-*private* minn fejn il-ġnien.

Seta' jistenna minn qrib id-dar tiegħu, imma hemmhekk ikunu l-oħrajn. U bħal-lum, l-ewwel ġurnata tal-ġimgħa, kien jaħseb aktar kmieni mis-soltu. Mhux għax kellu xi ħeġġa partikolari għall-iskola, imma xtaq jisma' 'l-oħrajn iħarrfu fuq il-*weekend* u forsi jżid xi ħrafa minn tiegħu biex ma jurix li qagħad ġewwa.

Ħalli għal David, kemm se jiftaħar li għabba. Fil-form I kien ħabib miegħu imma ma damitx ma kibritlu rasu u beda jara 'l kulħadd dubbien. Qatt ma seta' jifhem kif Samantha trakkat miegħu żewġt isjuf. Hemm tkun, l-ewwel waħda, biċ-ċinta tad-dublett irrumblata taħt il-flokk, toqmos minn wieħed għall-ieħor u tipprova terġa' tiġbed l-attenzjoni ta' David. Sħabha donnhom jadurawha.

Kultant ċerti nies għandhom ħabta jdawru ’l sħabhom għal warajhom. Ma nafx, forsi kunjomhom? Jew x’jagħmlu l-ġenituri tagħhom? Min jaf li kieku kien minflok Samantha Prince, li kellha missierha Ingliż u jdoqq ma’ *band*, kienx ikun aktar popolari Josef. Kemm-il darba qagħad b’ħalqu miftuħ u b’widnejh weqfin ’il barra jismagħha tgħid li għad iddur id-dinja mal-*band*. Dik sew, setgħet tagħżel fejn tgħix, jew ma’ missierha jew m’ommha.

Josef ixxuttja ġebla li inzertat ġiet quddiemu dak il-ħin u nefaħ tnejn. Ġew jaqbduha fuq il-futur dalgħodu għadu jqum. Dan kollu għax ma riedx jaqfel il-lazz taż-żarbun. Ara x’għandu x’jaqsam il-futur mal-lazz taż-żarbun. L-ewwel bdiet teqred ommu, imbagħad ħareġ mill-kamra tal-banju missieru frisk frisk u qabadha fuq il-futur. U min kellu jitkellem. Dak futur! Jaħdem daqs bagħal.

Għal Josef il-futur kien illejla, waqt it-trejning tal-futbol. Ftakar li ried isib biżżejjed plejers għal-logħba tas-Sibt li ġej. Jekk it-tim jibqa’ sejjer tajjeb se jkaxkru l-unuri kollha. Se jkunu t-tim tal-futur. Josef kien diġà qed jarah tiela’ għat-tazza kollu għaraq u merfugħ fuq l-idejn. Hemm hu l-futur!

Ħorn ta’ vann qatgħu minn ġewwa u ġabu f’tiegħu. Josef bagħtu jieħdu u ħaffef ftit il-pass ma jmurx jitlef

xi aħbar li ġrat 'il sħabu f'dawn il-jumejn. Fetaħ il-basket biex iġib il-fajl tal-Kimika. Kien hemm waħda ħallieha barra, la jasal jikkupjaha malajr. U x-xjafek! Kien ħalla l-*homework* tal-Kimika warajh! Aktar mhu mqabbad miegħu s-Sir Briffa. U iva, issa jkun hemm Ernest inewwillu tiegħu. Jagħmel xi żewġ żbalji u forsi tgħaddi.

Imma llum ikollu l-Miss Catania, tal-Letteratura. Josef kien jibqa' ssummat iħares lejn dawk ix-xofftejn jippronunzjaw Shakespeare u joħlom b'futur li ma jeżistix. B'dak ix-xagħar twil u lixx kien jistħajjilha Ġuljetta ssejjaħ ismu minflok dak ta' Romeo. X'jimporta li l-marki tal-Letteratura baqgħu baxxi u x-xogħol li jagħmel kien ikun kollu mmarkat bl-aħmar. Imma l-aħmar huwa l-kulur tal-passjoni, tal-maħbubin, ta' żmien San Valentinu. Almenu jiġi għal xi ħaġa nhar ta' Tnejn.

"Hemm huma l-imħawdin," ħaseb Josef. It-tfajliet kienu qed jipprattikaw pass ta' żifna kkoreografata minn Samantha. Dejjem stagħġeb bl-enerġija li jqumu biha t-Tnejn filgħodu t-tfajliet. Kienu donnhom imorru aktar b'ħeġġa lejn l-iskola tagħhom. Xi wħud kien ikun għadhom b'difrejhom miżbugħin mis-Sibt, oħrajn ikollhom il-ħin jgħaddu l-lapes taħt għajnejhom. U hu bilkemm ried jaħsel wiċċu aħseb u ara joqgħod ipitter għajnejh filgħodu.

Josef kien diġà neża' l-basket minn ma' spalltu. Ernest qiegħed hemm, jiċċassa bħas-soltu bil-kaxxa tal-vjolin imserrħa maċ-ċint qed jikkomponi xi sinfonija f'moħħu. Ma kienx se jdum wisq għax Josef malajr kien pront waddablu l-basket għal saqajh. Imma donnu x-xitan ma ħamilx illum, għax il-*private* ġiet kmieni aktar minn qabel. U la laħaq ikkopja, la sema' aħbarijiet u lanqas laħaq nibex ftit lil Samantha.

# 2

Josef fetaħ il-ktieb tat-Taljan biex donnu jkompli ma' sħabu tal-klassi li kollha kellhom il-paġna tan-nofs miftuħa. Kultant kien iħares lejn il-ktieb bħalma jkunu qed jagħmlu l-oħrajn u kull żewġ sekondi jagħti daqqa t'għajn madwaru qisu qed jara ġiex kulħadd.

"Nest, illejla ġej?" staqsa Josef minn taħt l-ilsien lil Ernest.

Ernest kellu l-mejda maġenb dik ta' Josef jew aħjar Josef għażel mejda ħdejn dik ta' Ernest. Ħabib bħal Ernest Damiani ma kienx ta' min jitilfu. U min aktar kien kapaċi jaqilgħek minn xi basla jekk mhux Ernest? Josef kien jiskanta kif sieħbu kien jiftakar x'kellhom jagħmlu mingħajr qatt ma niżżel xejn fin-*notebook*. Ernest kellu moħħu kompjuter u mhux biss, imma dejjem kien jantiċipah lil Josef. Kien inewwillu x-xogħol fuq il-*file paper* minn qabel ma kien jilħaq jistaqsih.

Ernest kien qed isegwi b'attenzjoni l-lezzjoni tas-Sir